2.5 Persuna fil-grad ta' Manager II fi Skala ta' Salarju 7 li għandha degree ta' Baċellerat rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti*) titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€33,931.02 x €596.33 - €37,509.00 fl-2026) wara sitt (6) snin servizz bħala Manager II fi Skala ta' Salarju 7, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

2.6 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti, u ħlas ta' allowance tal-klassi annwali ta €2,000, suġġett għall-politiki tal-Amministrazzjoni Ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Compliance skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.9 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-Bord tal-Għażla

that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

2.5 A Manager II in Salary Scale 7 who are in a possession of a recognised Bachelor's Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS credits, or equivalent*) will progress to Salary Scale 6 (€33,931.02 x €596.33 - €37,509.00 in 2026) on completion of six (6) years service as Manager II in Salary Scale 7, subject to satisfactory performance.

*A recognised comparable Bachelor's Qualification , as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180 ECTS credits.

2.6 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance, and a payment of an annual class allowance of €2,000, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Compliance in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.9 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the "Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration", issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023 and which came into force on 1st February,

se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/mt/homepage)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager II (Compliance) huma:

i. Iwettaq kontrolli ta' konformità, f'isem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, f'Ministeri, sabiex jiġi vverifikat li qed jiġu osservati l-proċeduri stabbiliti u l-implimentazzjoni tal-proċessi delegati, kif ukoll jippreżenta rapporti bil-miktub fuq il-kontrolli ta' konformità li jkunu twettqu;

ii. Ifassal rapporti u jipprepara abbozzi ta' minuti konċiżi iżda komprensivi fuq punti tal-aġenda għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jħejji tweġibiet abbażi tad-deċiżjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni;

iii. Jixhed u jiddefendi d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fi proċeduri tal-Qorti kif meħtieġ;

iv. Jieħu deċiżjonijiet infurmati u/jew jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-superjuri tiegħu dwar kwistjonijiet strateġiċi, policies, proċedurali u operattivi, kif ukoll fuq ippjanar ta' staff;

v. Jikkoordina ma' stakeholders, skont kif meħtieġ;

vi. Imexxi u jissorvelja impjegati oħra sabiex jiżgura li l-aspett amministrattiv tal-Uffiċċju jimxi bla xkiel;

vii. Iwieġeb għad-diffikultajiet li jidħlu permezz ta' korrispondenza, posta elettronika, telefon, jew mezzi oħra;

viii. Imexxi u jikkoordina laqgħat regolari ta' outreach ma' Ministeri u Dipartimenti;

ix. Jidentifika partijiet mir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet u mir-Regolamenti tal-Proċeduri Dixxiplinarji tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li jistgħu jiġu simplifikati kif ukoll jassisti fl-abbozzi tal-istess emendi;

2024, the Selection Board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/mt/homepage)).

Duties

3. The job duties for the post of Manager II (Compliance) include:

i. Conducts compliance checks, on behalf of the Public Service Commission, within Ministries to verify that established standard procedures and the implementation of delegated processes are being adhered to, and present written compliance checks reports on compliance activities undertaken;

ii. Draws up reports and prepares concise but comprehensive draft minutes on agenda items for consideration by the Public Service Commission and draws up replies on the basis of the decisions by the Commission;

iii. Testifies and defends the Commission's decisions in Court Proceedings as necessary;

iv. Makes informed decisions and/or recommendations to his/her superiors on strategic matters, policies, procedural and operational, and also staff planning;

v. Liaises with stakeholders, as appropriate;

vi. Manages and supervises junior employees to ensure the smooth running of the administrative aspect of the Office;

vii. Attends to queries through correspondence, email, telephone or other means;

viii. Conducts regular outreach and training meetings with Ministries and line Departments;

ix. Identifies areas in the Public Service Commission's Appointments Regulations and the Public Service Commission's Disciplinary Regulations which may be simplified and assists in the drafting of any amendments thereto;

x. Jikkoordina u jimplimenta proġetti ta' konformità u xogħol ieħor ad hoc;

xi. Jaqdi dmirijiet oħra kif mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv (PSC); u

xii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita' Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita' skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

x. Coordinates and implements compliance projects and ad hoc assignments;

xi. Carries out any other tasks as directed by the Executive Secretary (PSC); and

xii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

U

(ii) ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fil-Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Amministrazzjoni Pubblika jew Liġi jew Komunikazzjoni jew Relazzjonijiet Industrijali u Xogħol jew Business Administration jew Project Management jew Quality Management jew Leadership jew Governance jew Public Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-Maniġment.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li lammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

JEW

(iii) ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fil-Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Amministrazzjoni Pubblika jew Liġi jew Komunikazzjoni jew Relazzjonijiet Industrijali u Xogħol jew Business Administration jew Project Management jew Quality Management jew Leadership jew Governance jew Public Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-Maniġment u tmien (8) snin ta' esperjenza sodisfaċenti u rilevanti fil-maniġment.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 taddokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

(ii) in possession of a recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS credits, or equivalent*) in Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Industrial Relations and Work or Business Administration or Project Management or Quality Management or Leadership or Governance or Public Management or in relevant areas as determined by Management.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS credits is only accepted subject to an MQRIC formal Masters recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

OR

(iii) in possession of a recognised Bachelor's Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS credits, or equivalent*) in Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Industrial Relations and Work or Business Administration or Project Management or Quality Management or Leadership or Governance or Public Management or in relevant areas as determined by Management and eight (8) years satisfactory management experience.

*A recognised comparable Bachelor's Qualification , as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180 ECTS credits.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata flimkien ma' sejħa għas-servizz kollu għall-post ta' Manager II (Compliance) fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, 2026 permezz taċ-Ċirkolari Nru HR/OPM 26/2026. L-applikanti li jirnexxu taħt is-sejħa għas-servizz kollu se jingħataw preċedenza fuq dawk li jirnexxu taħt is-sejħa pubblika. Il-ħatra hija barra minn hekk suġġetta għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti filperjodu ta' validità tar-riżultat.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf)will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the post of Manager II (Compliance) in the Office of the Public Service Commission as published on Friday, 19th June, 2026 through Circular No. HR/OPM 26/2026. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Managment, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Online Government Recruitment Portal **only** at the following address: (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Monday, 6th July, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;

eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz fl-indirizz (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

Id-19 ta' Ġunju, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema tal-Awtorità tad-Djar għax-Xiri ta' Djar ta'Abitazzjoni Imħabbra fis-17 ta' Mejju, 2024

Sir Sid Darek - 2024

B'referenza għall-Iskema Xiri ta' Djar ta' Abitazzoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' 17 ta' Mejju, 2024, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tagħmel is-segwenti amendi:

(1) Tikkanċella, tħassar u tirrevoka l-emendi għall-iskema Xiri ta'Djar ta' Abitazzjoni ppublikata fil-Gazetta tal-Gvern tas-17 ta'April, 2026

(2) Terġa ddaħħal fis-seħħ l-iskema hekk kif ippublikata fil-Gazetta tal-Gvern tas- 17 ta' Mejju, 2024 b'effett mit-30 ta' Marzu, 2026.

(3) Idaħħal fis-seħħ dan il-paragrafu taħt klawżola 8a) b'effett mit-30 ta' Marzu, 2026:

"Għal kull buon fini, il-benefiċjarju li sussegwentement joqogħd f'dar tal-anzjani jkun eżentati mill-obbligu illi juża l-fond bħala residenza ordinarja tiegħu."

(4) Idaħħal fis-seħħ dan il-paragrafu taħt klawżola 8b) b'effett mit-30 ta' Marzu, 2026:

"Madankollu, ir-rifużjoni msemmija hawn fuq ma għandhiex tapplika f'każ illi:

(i) il-proprjetà tkun mikrija lill-Awtorità mill-benefiċjarju taħt kwalunkwe skema, skont il-policy tal-Awtorità u soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità; jew

medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the address (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf)or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm.gov.mt).

19th June, 2026

HOUSING AUTHORITY

Scheme for the Purchase of Rented Residential Units Published on 17th May, 2024

Sir Sid Darek - 2024

With reference to Scheme for the Purchase of Rented Residential Units published in the Government Gazette of the 17th May, 2024, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:-

(1) Cancels, deletes and revokes the amendments to the Purchase of Rented Residential Units scheme published in the Government Gazette of 17th April, 2026;

(2) Re-instate the scheme as published in the Government Gazette of 17th May, 2024 with effect from 30th March, 2026

(3) Introduce the below paragraph under clause 8a) with effect from the 30th of March, 2026:

"For all intents and purposes, purchasers subsequently residing in an old people's home would be excused from this obligation. "

(4) Introduce the below paragraph under clause 8b) with effect from the 30th of March, 2026:

"However, the refund mentioned will not be due in case where:

(i) Property is leased to the Authority by the beneficiary under any of the schemes in accordance with the Authority's policy and subject to the approval of the Authority; or

(ii) il-benefiċjarju jew il-konjuġi tal-benefiċjarju defunt jidħlu jgħixu f'dar tal-anzjani u jikru l-proprjetà tagħhom lill-Awtorità taħt kwalunkwe skema, skont il-policy tal-Awtorità u soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità."

(5) Idaħħal fis-seħħ dan il-pragrafu taħt klawżola 8c) b'effett mit-30 ta' Marzu, 2026:

"Madankollu, ir-rifużjoni msemmija hawn fuq ma għandhiex tapplika f'każ illi l-proprjetà tkun mikrija lill-Awtorità mill-eredi tal-benefiċjarju taħt kwalunkwe skema, skont il-policy tal-Awtorità u soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità"

Id-19 ta' Ġunju, 2026

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke − Lulju, Awwissu u Settembru, 2026

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mir-Ranges ta' Pembroke matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru, 2026, fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Mill-Erbgħa, 1 ta' Lulju, 2026 sal-Ġimgħa, 3 ta' Lulju, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026 sal-Ġimgħa, 10 ta' Lulju, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2026 sal-Ġimgħa, 17 ta' Lulju, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026 sal-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2026mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2026 sal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 3 ta' Awwissu, 2026 sal-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026 sal-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 17 ta' Awwissu, 2026 sal-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2026 sal-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tlieta, 1 ta' Settembru, 2026 sal-Ġimgħa, 4 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mill-Erbgħa, 9 ta' Settembru, 2026 sal-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2026 sal-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

Mit-Tlieta, 22 ta' Settembru, 2026 sal-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

(ii) The beneficiary or the surviving spouse reside in an elderly home and lease the property to the Authority under any of the schemes in accordance with the Authority's policy and subject to the approval of the Authority."

(5) Introduce the below paragraph under clause 8c) with effect from the 30th of March, 2026:

"However, the refund mentioned will not be due in case where the property is leased to the Authority by the heirs under any of the schemes in accordance with the Authority's policy and subject to the approval of the Authority."

19th June, 2026

ARMED FORCES OF Malta

Live Firing Programme − Pembroke Ranges − July, August and September 2026

Live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges during the months of July, August and September 2026. Respective dates and timings are indicated hereunder:

From Wednesday, 1st July, 2026 to Friday, 3rd July, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 6th July, 2026 to Friday, 10th July, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 13th July, 2026 to Friday, 17th July, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 20th July, 2026 to Friday, 24th July, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 27th July, 2026 to Friday, 31st July, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 3rd August, 2026 to Friday, 7th August, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 10th August, 2026 to Friday, 13th August, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 17th August, 2026 to Friday, 21st August, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 24th August, 2026 to Friday, 28th August, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

On Monday, 31st August, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Tuesday, 1st September, 2026 to Friday, 4th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

On Monday, 7th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Wednesday, 9th September, 2026 to Friday, 11th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Monday, 14th September, 2026 to Friday, 18th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

From Tuesday, 22nd September, 2026 to Friday, 25th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

Mit-Tnejn, 28 ta' Settembru, 2026 sal-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Ħin Lokali)

L-entitajiet kollha huma infurmati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona b'raġġ ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi 'l barra mix-xatt ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Se jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-ranges konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

MATS għandhom jattivaw LMD 6 'Pembroke low'waqt il-ħinijiet imsemmija.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

From Monday, 28th September, 2026 to Wednesday, 30th September, 2026 from 7.00 a.m. to 1.00 p.m. (Local Time)

The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

MATS is to activate LMD 6 'Pembroke low' during the above times.

19th June, 2026

MINISTERU GHALL-EKONOMIJA, TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Lista ta' direct orders moghtija mil-Ministeru għall-Ekonomija, Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2025 u l-31 ta' Diċembru, 2025, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) u skont c-cirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru. 12/2021.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

MINISTRY FOR THE ECONOMY, TECHNOLOGY AND STRATEGIC PROJECTS

List of direct orders awarded by the Ministry for the Economy, Technology and Strategic Projects during the period between the 1st July, 2025 and 31st December, 2025, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

19th June, 2026

Direct Orders

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MEEP/158/2025	Legal Services	8th July 2025	Camilleri Preziosi	€9,498
19029	Travel expenses	15th July 2025	AA Travel	€6,150
MEEP/171/2025	Purchase of a fully electric vehicle for headship position	26th August 2025	Gasan Zammit Motors Ltd.	€41,000
MEEP/82/2026	Legal Services	1st September 2025	Camilleri Preziosi	€9,900
MEEP/142/2025	Professional Services (Commerce Department)	3rd September 2025	Noel Bartolo	€9,900
MEEP/141/2025	Legal Services	2nd October 2025	Dr. Noel Camilleri	€27,792
MEEP/53/2025	Insurance coverage for TechXpo 2025	27th October 2025	AIB Insurance Brokers Ltd.	€9,389
MEEP/159/2025	Portal enhancements	4th November 2025	Webee Ltd.	€6,320

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MEEP//26/2026	Maintenance services	5th November 2025	The Rooftop - Waterproofing & Maintenance	€20,509
MEEP/83/2025	Legal Services	10th November 2025	Camilleri Preziosi	€9,900
MEEP/53/2025	Hiring of venue for TechXpo 2025	13th November 2025	Malta Fairs & Conventions Centre	€82,296
20577	Travel expenses	20th November 2025	AA Travel	€9,699
CD/4/2025/3.3.	IP awareness campaign 2025/2026 (Commerce Department)	21st November 2025	Malta Football Association	€48,000

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

L-Immaniġġjar tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi minn nharr il-Erbgha 24 ta' Ġunju, 2026, sat-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026, Triq il-Knisja minn Triq il-Vižitazzjoni sa Pjazza Żjara tal-Madonna se tkun one-way u se jkun hemm devjazzjoni għal Triq il-Vižitazzjoni, Triq Felič Grech u Triq Dun Alwiġ Mizzi għal wara il-knisja. Parkeġġ fiTriq Dun Alwig Mizzi u Pjazza Żjara tal-Madonna se jkun projbit.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

GĦARB LOCAL COUNCIL

Traffic Management

The Għarb Local Council notifies that from Wednesday, 24th June, 2026, till Monday, 6th July, 2026, Triq il-Knisja from Triq il-Vižitazzjoni up to Pjazza taż-Żjara tal-Madonna will be one-way, and there will be a diversion to Triq il-Vižitazzjoni, Triq Felič Grech, and Triq Dun Alwiġ Mizzi to areas behind the church. Parking in Triq Dun Alwiġ Mizzi and Pjazza Żjara tal-Madonna will be prohibited.

19th June, 2026

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf li mit-8.00 a.m. tat-Tlieta, 7 ta' Lulju, 2026, sal-11.00 p.m. tal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026, parkeġġ fi Triq Panoramia u Triq Bufala se jkun projbit kif indikat bis-sinjali tan-'No Parking'. L-għeluq u l-ftuħ tat-toroq imsemmija se jsir skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Ħad-Dingli Local Council notifies that from 8.00 a.m. of Tuesday, 7th July, 2026, to 11.00 p.m. of Friday, 31st July, 2026, parking in Triq Panoramika and Triq Bufala will be prohibited as indicated by 'No Parking' signs. Closures and openings of the mentioned streets will take place as required.

Vehicles found in contravention of this notice will be liable to be towed.

19th June, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li Azzjoni Kattolika Maltija VO/1743, qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerti:

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Azzjoni Kattolika Maltija VO/1743, is requesting the call for tenders:

Referenza tal-Proġett CSS A1.01.2026

Azzjoni Kattolika Maltija VO/1743, teħtieġ l-offerta tas-servizzi ta' tikħil ta' ħitan u soqfa, u xkatlar u żebgħa ta' travi tal-injam, bħala parti mill-proġett CSS A1.01.2026 'Centre for Wellbeing and Education'.

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (info@akmalta.org).

L-offerta tagħlaq – nhar il-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2026 f'nofsinhar.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Community Support Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam, qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerti:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.10.2026

L-Għaqda Mużikali L'Isle Adam, teħtieġ l-offerta tal-provvista, installazzjoni u kkummisjonar ta' air condition units, bħala parti mill-proġett VOPS A2.10.2026 'Ninvestu f'ambjent aktar komdu għal bandisti u l-membri'.

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (bandalisleadamrabat@gmail.com).

L-offerta tagħlaq – nhar il-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2026.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL

Jum iz-Zalzett tal-Malti 2026

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'avveniment li se jittella' fil-Biċċerija Pubblika fl-okkażjoni ta' Jum iz-Zalzett Malti 2026. L-avveniment se jittella' nhar

Project Reference CSS A1.01.2026

Azzjoni Kattolika Maltija VO/1743, needs the repointing of ceiling and walls, and sanding and painting of wooden beams, as part of the project CSS A1.01.2026 'Centre for Wellbeing and Education'.

Prospective bidders are to send an email for specifications to (info@akmalta.org).

Deadline for submissions – Wednesday, 15th July, 2026 at noon.

This project has been funded through the Community Support Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

19th June, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Għaqda Mużikali L'Isle Adam, is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.10.2026

Għaqda Mużikali L'Isle Adam, needs the supply, installation and commissioning of air condition units, as part of the project VOPS A2.10.2026 'Ninvestu f'ambjent aktar komdu għal bandisti u l-membri'.

Prospective bidders are to send an email for specifications to (bandalisleadamrabat@gmail.com).

Deadline for submissions – Wednesday, 15th July, 2026.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

19th June, 2026

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND FOOD SUPPLY

Maltese Sausage Day 2026

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in an event to be held at the Public Abattoir on the occasion of Maltese Sausage Day 2026. The event will be held on

il-31 ta' Lulju, 2026 mis-7.30 p.m. il-quddiem. Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Biċċerija Pubblika (https://biccerija.gov.mt/). Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 1, anness 2 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz tal-email fl-indirizz: (info.abattoirmalta.maff@gov.mt), jew bl-idejn fir-Reception tal-Biċċerija Pubblika, fi Triq il-Biċċerija, Albert Town, il-Marsa.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Ġimgħa, 3 ta' Lulju, 2026, 10.00 a.m. CET/CEST.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Xogħlijiet ta' Skavar, Kostruzzjoni u Finituri ta' Substation Ġdida fi Triq Emvin Cremona, Il-Furjana

(Ref.: EOI 003/2026)

L-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tistieden operaturi ekonomiċi sabiex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għal xogħlijiet ta' skavar, kostruzzjoni u finituri ta' substation ġdida fi Triq Emvin Cremona, Il-Furjana.

Id-dokument bl-Espressjoni ta' Interess jista' jitniżżel mis-sit elettroniku tal-Awtorità fuq il-link: (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests)

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċini tal-Awtorità tal-Ippjanar, 3, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, sal-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 2026 qabel l-10.00 a.m.

Ser issir żjara fuq il-post fejn għandhom isiru x-xogħlijiet nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju, 2026 fl-10.00 a.m., l-Awtorità tal-Ippjanar, Il-Foss ta' San Franġisk, Il-Furjana.

Kull talba għal kjarifika dwar din l-Espressjoni ta' Interess għandha tiġi indirizzata lid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fuq l-indirizz elettroniku tenders@pa.org.mt sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2026.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard jew li ma jkunux kompluti ma jiġux ikkunsidrati.

Id-19 ta' Ġunju, 2026

KUNSILL REĠJONALI LVANT

Sejħa għall-Offerti

Il-Kunsill Reġjonali Lvant jgħarraf li:

the 31st July, 2026 from 7.30 p.m. onwards. Full details together with the application form can be downloaded from the Public Abattoir's website (https://biccerija.gov.mt/). Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 1, annex 2 and requested documents), either via email to the address (info.abattoirmalta.maff@gov.mt), or by hand to the Public Abattoir Reception, at Triq il-Biċċerija, Albert Town, Marsa.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Friday, 3rd July, 2026, at 10.00 a.m. CET/CEST.

19th June, 2026

PLANNING AUTHORITY

Excavation, Construction and Finishing Works of a New Substation in Triq Emvin Cremona, Floriana

(Ref: EOI 003/2026)

The Planning Authority is hereby inviting economic operators to participate in this expression of interest for the excavation, construction and finishing works of a new substation in Triq Emvin Cremona, Floriana.

The Expression of Interest document can be downloaded from the Authority website on the following link: (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests).

Offers are to be deposited in the quotations box at the Authority offices at 3, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501 by Wednesday, 8th July, 2026 before 10.00 a.m.

A visit to the site of the proposed works will be held on Thursday, 25th June, 2026 at 10.00 a.m., at the Planning Authority, St Francis Ditch, Floriana.

Any requests for clarifications concerning this Expression of Interest should be addressed to the Director of Corporate Services via email (tenders@pa.org.mt) by not later than Tuesday, 30th June, 2026.

Late or incomplete submissions will not be considered.

19th June, 2026

EASTERN REGIONAL COUNCIL

Call for Quotations

The Eastern Regional Council notifies that:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Reġjonali Lvant permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m tat-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026, għal:

Kwot. Nru ERC/Q/01/26. Servizz ta' kittieb ta' skripts u editur tat-testi għall-Kunsill Reġjonali Lvant.

Kwot. Nru ERC/Q/02/26. Servizz ta' stampar għall-Kunsill Reġjonali Lvant.

Notification respondent:

Kyrylo Lemish (116890A), 39, Flat 1, Triq l-Assedju l-Kbir, 1565, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today, 17th June, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1616

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fl-10 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 658/2021, fl-ismijiet: Marius Muscat vs Josephine Baldacchino, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Marius Muscat (665558M) vs Josephine Baldacchino (201673M) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-12 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lill-esponenti Josephine Baldacchino li tirċievi s-salarju tagħha;

2. Tawtorizza lil bank HSBC Bank Malta plc li jkompli jirċievi dan is-salarju fil-kont tal-esponenti Josephine Baldacchino b' IBAN no. MT76MMEB44163000000016354540050;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th June, 2026, in the records of the executive garnishee order number 658/2021, in the names: Marius Muscat vs Josephine Baldacchino, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Marius Muscat (665558M) vs Josephine Baldacchino (201673M) filed in the Civil Court First Hall on the 12th January, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Authorise the applicant Josephine Baldacchino to receive her salary;

2. Authorise HSBC Bank Malta plc to continue to receive this salary in the account of the applicant Josephine Baldacchino with the IBAN no. MT76MMEB44163000000016354540050;

3. Tawtorizza lill-bank HSBC Malta plc sabiex iħalli lill-esponenti tiġbed is-salarju tagħha u/jew tiġbed is-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin ewro (€1233.00) fix-xahar mill-kont bankarju tagħha u dan sakemm jibqa' in effet il-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv bin-numru 658/2021 PA fl-ismijiet premessi.

Notifika:

Marius Muscat (665558M), Il-Ġnien ta' Ras il-Wied, Ħas-Saptan ,1/0, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' Ġunju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Authorise HSBC Malta plc to allow the applicant to withdraw her salary and/or withdraw the sum of one thousand two hundred and thirty three euro (€1233.00) monthly from her bank account and this until the executive garnishee order with number 658/2021 PA in the names premised remains in effect.

Notification:

Marius Muscat (665558M), Il-Ġnien ta' Ras il-Wied, Ħas-Saptan ,1/0, Ħal Għaxaq

Registry of the Superior Courts, today, 17th June, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1617

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta' Mejju, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2026 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-maisonette b'numru uffiċjali tletin (30), bl-isem "Marlor", fi Triq il-Wejba, Tal-Ibraġġ, Saint Andrew's, limiti ta' San Ġiljan, li jinsab fil-livell ta' elevated groundfloor, sovrapost għal żewġ garaxxijiet u sottopost għal proprjetà ta' terzi, kif mibnija fuq plot numru sitta (6), konfinanti mil-Lbiċmal-imsemmija triq, mill-Majjistral ma' plot numru sebgħa (7) tal-istess artijiet, u mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-Awtorita' tad-Djar jew is-suċċessuri tagħha, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' disa' u sittin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88), bl-obbligu tal-ħlas tal-lawdemju, u bid-dritt ta' tqegħid ta' tank tal-ilma u aerial tat-television fuq il-bejt tal-proprjetà sovraposta, u bid-dritt ta' aċċess għalihom f'każ ta' manutenzjoni u riparazzjoni, b'servitu rigward drenaġġ u drenaġġ komuni, bid-dritt ta' aċċess f'każ ta' sadd u ħsara, u soġġett u jgawdi servitu t'aperturi riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu, altrimenti frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u dan kif deskritt fil-kuntratt datat il-ħamsa u għoxrin ta' Settembru, tas-sena elf, disa' mija, sebgħa u disgħin (25.09.1997) fl-atti tan-Nutar Dott. Sandro Schembri Adami u stmat li jiswa' sitt mitt elf ewro (€600,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' McKay Marvin (KI 563574M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 26/2025.

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 28th May, 2026, on the application of Bank of Valletta p.l.c. (C 2833), Tuesday, 29th September, 2026 at half past eleven in the morning (11:30am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

The maisonette with official number thirty (30), named "Marlor", in Triq il-Wejba, Tal-Ibraġġ, Saint Andrew's, limits of Saint Julians, situated in the elevated groundfloor level, overlying two garages and underlying third party property, as built on plot number six (6), bounded south west by the said street, north west by plot number seven (7) of the same lands, and on the other sides by property of the Housing Authority or its successors in title, as subject to the annual and perpetual ground rent of sixty nine euro and eighty eight cent (€69.88), subject to the payment of laudemium, and with the right of installing a water tank and a television aerial on the roof of the overlying property, with the right of access in case of maintenance and repairs, and a servitude of the common drains and drainage system, with the right of access in case of blockage and damages, and is subject to and enjoys from the apertures servitudes resulting from its position, otherwise unencumbered, with all its rights and appurtenances, and as described in the act dated the twenty fifth of September, of the year nineteen hundred and ninety seven (25.09.1997) in the acts of Notary Dr Sandro Schembri Adami and is valued at six hundred thousand euro (€600,000).

The said tenement is the property of McKay Marvin (ID 563574M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 26/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 17th June, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1618

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-4 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 22 ta' Settembru, 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-mezzanin bin-numru ħdax (11) u bl-isem Sunflower, mingħajr l-arja tiegħu, li jinsab fit-tieni sular (first floor level) sovrapost għall-beni tal-Awtorità tad-Djar formanti parti minn blokk mingħajr numru, iżda immarkat bl-ittri 'BG G' fil-qasam tad-Djar tal-Gvern, Belt il-Ġmiel, l-Imtarfa, u jmiss il-blokk kollu min-Nofsinhar ma' triq pubblika qabel bla isem issa Triq in-Narċis, minn fejn il-blokk għandu aċċess u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventi kawża tiegħu waqt illi l-mezzanin huwa aċċessibbli min-naħa ta' Nofsinhar mill-imsemmija triq u jmiss mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Awtorità tad-Djar, liberu u frank bid-drittijiet u l-ġustajiet kollha tiegħu u li tinkludi wkoll id-daħla ta' taħt it-taraġ li tifforma parti integrali mill-mezzanin numru ħdax tal-kejl ta' tnejn punt ħamsa sitta metri kwadri (2.56mk) li tinsab fit-tieni sular tal-imsemmi blokk u tikkonfina mill-Lvant ma' beni ta' Emanuel Carabott jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-Awtorità tad-Djar jew l-aventi kawża tagħhom u stmat li jiswa' tlett mitt elf ewro (€300,000)

Sid il-mezzanin għandu jerfa' sehmu mill-manutenzjoni tal-partijiet komuni (ċioè 1/17 sehem) minbarra s-sistema ta' drenaġġ li qegħda bin-nofs filwaqt illi l-bejt huwa komuni biss fis-sens illi s-sidien li m'humiex fl-aħħar sular għandhom biss aċċess biex jagħmlu aerial tat-television u tank tal-ilma u għall-manutenzjoni tagħhom. L-arja tibqa' ta' terzi.

U dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-31 ta' Ottubru, 1985 in kwantu l-mezzanin permezz ta' liema Emanuel Carabott kien akkwista l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà appartjenenti lil Emanuel Carabott u kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Sandra Farrugia tal-5 ta' Lulju, 1994 in kwantu d-daħla permezz ta' liema Emanuel Carabott flimkien mal-intimata Carabott, akkwistaw l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th June, 2026 on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 22nd September, 2026 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The maisonette numbered number eleven (11) and named Sunflower, without its airspace, situated on the first floor level, overlying property of the Housing Authority and forming part of the block without number, marked by letters 'BG G' in the Government Housing Estate, Belt il-Ġmiel, Mtarfa, as bounded the said block on the South by an unnamed public road previously without name and currently Triq in-Narcis, from which the said block is accessible, and on all other compass points by property of the Government of Malta or its successors in title, while the maisonette is accessible through the south from the said street and is bounded on all other compass points by property of the Housing Authority, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and including also the part underneath the staircase which forms an integral part of the maisonette number eleven, measuring two point five six square metre (2.56sqm) situated on the first floor level of the said block and is bounded east with property of Emanuel Carabott or his successors in title and from all other correct boundaries with property of the Housing Authority or its successors in title and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The owner of the maisonette is responsible for his share in the maintenance of the common parts (therefore 1/17 share) apart from the drainage system which is divided in half, while the roof is only in common in the sense that the owners that aren't at the last floor have only access to install a television aerial and water tank and for their maintenance. The airspace remains of third parties.

And this as better described in the acts of Notary Myriam Spiteri Debono dated 31st October, 1985 regarding the maisonette by which Emanuel Carabott had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott had inherited the half undivided share of this property belonging to Emanuel Carabott and as better described in the acts of Notary Sandra Farrugia dated 5th July, 1994 regarding the part underneath the staircase by which Emanuel Carabott together with the respondent

numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carabott Glen (KI 357480M) u b'digriet datat 22 ta' Settembru, 2023 ġew maħturin bħala kuraturi deputati Dott. Leontine Calleja u PL Veronica Rossignaud sabiex jirrapreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Maria Assunta Carabott (KI 514641M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 25/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Carabott, had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott has inherited the half undivided share of this property.

The said tenement is the property of Carabott Glen (ID 357480M) and by decree dated 22nd September, 2023 Dr Leontine Calleja and LP Veronica Rossignaud were nominated as deputy curators to represent the unknown heirs of the deceased Maria Assunta Carabott (ID 514641M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 25/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 17th June, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1619

B'digriet tas-16 ta' Ġunju, 2026 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta'Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn 35º14º Capital SCC p.l.c. bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 taġixxi għan-nom ta' Cell Couros fil-11 ta' Ġunju 2026 qed tintalab tpaċija ta' l-ammont ta' €249,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 46/24 fl-ismijiet 35˚14˚ Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 vs Mary Bonello KI 415346M et noe miżmum taħt l-Awtorita' ta' din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju, 2026.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u ssomom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejjha fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju 2026.

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 16th June, 2026 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by 35º14º Capital SCC p.l.c. with the registration number C105417 acting on behalf of Cell Couros on the 11th June 2026 the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €249,000 following judicial sale by auction 46/24 in the names 35°14° Capital SCC plc with the registration number C105417 vs Mary Bonello ID 415346M et noe held under the Authority of the said Court on the 9th June, 2026.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 17th June 2026.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1620

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Mejju 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Meli pro et noe vs Sean Ellul, Rikors Nru 113/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Sean Ellul a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Meli (KI 612356M) f'ismu proprju u f'isem oħtu Rosanne Mangion (KI 204162M), Alexandra Mallia (KI 762558M), Bertha Tabone (KI 571762M), Gaston Agius Fernandez (KI 530254M) f'ismu prorpju u f'isem Suzanne Muscat (KI 293757M) u Adriana Agius Fernandez (Passaport Ingliz Nru 536907151), Adrian Galea (KI 595262M), Simone Dimech (KI 3279676M), f'isimha proprju u f'isem Christine Borg (KI 174264M), Joanna Pisani (KI 42557M), Anna Pisani (KI 762158M), Karl Pisani (KI 0027465M), f'ismu proprju u f'isem Graziella Hilliker (Passaport Malti numru 1134976); Carmen Sant (KI 509836M) u Albert Fenech (KI 55832M) vs Sean Ellul (KI 112783M) preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-30 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Anthony Meli (KI 612356M) pro et noe talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

i. Jiddikjara li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond residenzjali Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà li kien mikri lil missier l-intimat minn qabel l-1995;

ii. Jiddikjara u jiddeciedi li l-intimat Sean Ellul (KI 112883M) huwa biss okkupant tal-fond residenzjali Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardmanġa, Tal-Pietà, ai termini tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Sean Ellul (KI 112783M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021 liema test tal-mezzi għandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-regolamenti dwar it-tkomplija tal-mezzi, maħrug taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodici Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn zmien għal zmien jissostitwuhom;

iv. Konsegwentement jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Liġijiet ta' Malta l-intimat Sean Ellul (KI 112783M) għandu l-jedd li jkompli jokkupa l-fond residenzjali Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà, għal 5 snin li bdew jiddekorru mid-data tal-mewt tal-inkwilin missieru u jiffissa l-kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond imsemmi fl-ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena jew kwalunkwe persentaġġ li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abbitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 2026 u ċioè s-sena li matulha ġie preżentat r-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-okkupazzjoni jekk ikun il-każ;

By means of a decree of the 8th May, 2026 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anthony Meli pro et noe vs Sean Ellul, Application Number 113/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sean Ellul in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Anthony Meli (ID 612356M) in his own name and on behalf of his sister Rosanne Mangion (ID 204162M), Alexandra Mallia (ID 762558M), Bertha Tabone (ID 571762M), Gaston Agius Fernandez (ID 530254M) in his own name and on behalf of Suzanne Muscat (ID 293757M) and Adriana Agius Fernandez (English Passport No 536907151), Adrian Galea (ID 595262M), Simone Dimech (ID 3279676M), in his own name and on behalf of Christine Borg (ID 174264M), Joanna Pisani (ID 42557M), Anna Pisani (ID 762158M), Karl Pisani (ID 0027465M) in his own name and on behalf of Graziella Hilliker (Maltese Passport number 1134976); Carmen Sant (ID 509836M) and Albert Fenech (ID 55832M) vs Sean Ellul (ID 112783M) filed in the Rent Regulation Board, on the 30th March 2026, the applicant Anthony Meli (ID 612356M) pro et noe requested this Honourable Board why it should not:

i. Declare that the applicants are the owners of the residential premises Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà which was leased to the father of the respondent before 1995;

ii. Declare and decide that the respondent Sean Ellul (ID 112883M) is only an occupier of the residential premises Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà, in terms of Chapter 69 of the Laws of Malta;

iii. Order that the means test of Sean Ellul (ID 112783M) be carried out in terms of Act XXIV of 2021 which the means test shall be based on the rules of the Continuation Tenancies (Means Test Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them;

iv. Consequently declares and decides that in terms of Act XXIV of 2021 of the Laws of Malta the respondent Sean Ellul (ID 112783M) has the right to continue to occupy the residential premises Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardmanġa, Tal-Pietà, for 5 years starting from the date of death of the of his father and fix the compensation for occupation of the said premises at an amount not exceeding 2% per annum or any percentage which may from time to time be fixed, the free and unencumbered open market value of the dwelling house on 1 January, 2026 and namely the year during which the application was filed and to establish new conditions as regards occupation if any;

v. Jikkundanna lill-okkupant intimat Sean Ellul (KI 112783M) jibda jħallas dak it-tali kumpens hekk likwidat.

vi. Jagħti dawk l-ordnijiet neccessarji ai termini tal-Att XXIV tal-2021 inkluż żgumbrament f'każ li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont regolamenti maħruġa mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni minn żmien għal żmien.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni.

Rikorrenti: 32, Triq l-Aħwa Hyzler, Swatar, Birkirkara.

Intimat- Sean Ellul - Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà.

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Meli pro et noe vs Sean Ellul, rikors numru 113/2026CZ jinsab differit għat-3 ta' Lulju, 2026 fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 18 ta' Ġunju, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

v. Condemns respondent occupant Sean Ellul (ID 112783M) start to pay such compensation as liquidated.

VI. Give those necessary orders in terms of Act XXIV of 2021 including eviction in case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test according to regulations issued by the Minister for Accommodation from time to time.

With costs and the respondent is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicants – 32, Triq l-Aħwa Hyzler, Swatar, Birkirkara.

Respondent- Sean Ellul - Queen's Flat, 29, Fl 6, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà.

The application in the names Anthony Meli pro et noe vs Sean Ellul Application Number 113/2026CZ has been postponed for hearing to the 3rd July, 2026 at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 18th June, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1621

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju, 2026 ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Michael Debono Limited (C10002) ta' Toyota Showroom, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, ippreżentat talba fit-30 ta' Marzu, 2026 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil T8R Limited (C 101695) ta' St Michael's Crt, Blk A, Shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan, sabiex jħallsu lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €6,446.28 liema ammont huwa dovut lill-kumpannija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviz Nru 48/2026CZ) fl-ismijiet Michael Debono Limited vs T8R Limited tinsab differita għat-3 ta' Lulju, 2026 fl-11.00 a.m.

Notifika: T8R Limited (C 101695) ta' St Michael's Crt, Blk A, Shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum, 18 ta' Ġunju, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 8th May 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Michael Debono Limited (C 10002) of Toyota Showroom, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, filed a Claim on the 30th March, 2026, whereby she asked the Court to condemn T8R Limited (C 101695) of St Michael's Crt, Blk A, Shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €6,446.28, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 48/2026CZ) in the names Michael Debono Limited vs T8R Limited is put off for hearing for the 3rd July, 2026 at 11.00 a.m.

Notification: T8R Limited (C 101695) of St Michael's Crt, Blk A, Shop 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 18th June, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1622

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2026 fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Nadine Calleja fl-atti tar-rikors numru 4/2026 fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Nadine Calleja (KI 055102L), ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fil-15 ta' Jannar, 2026 fejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal talab lil din il-Qorti:

1. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza li l-minuri jirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti, fejn il-passaport u l-baby book li jippartjeni lil minuri għandu jiġi rilaxxat fil-pussess ta' dan id-Direttorat;

2. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelega l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza lil ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) japplika u jagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri mingħajr awtorizzazzjoni u/jew firma tal-omm u missier;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) kwalunkwe kuntatt tal-minuri ma' ħutu għandu jsir taħt supervizzjoni li għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali direttorat għandu jkollu wkoll l-awtorizzażżjoni li jiddetermina, anke

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th May, 2026, following a request by the Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services it was ordered that deputy curators be appointed to represent Nadine Calleja in the acts of the Application Number 4/2026 in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services vs Kadiga Mohammed Jaranei and deputy curators to repesent Nadine Calleja (ID 055102L) , filed in the Juvenile Court on the 15th January 2026, whereby the applicant Directorate for Child Protection respectfully requested:

1. That in the first place and in terms of Article 18 (3) authorises the minor to reside within a licensed residence and approved by the respective authority and the applicant Director, whereby the passport and the baby book belonging to the minor is to be released in the possession of this Directorate;

2. That in the first place and in terms of Article 18 (3), entrust the care and custody of the minor to the Director of the Alternative Care Directorate (Children and Youths) who shall have the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments to a person/s of trust or person/s who have the task of administering alternative care homes;

3. That in the first place and in terms of Article 18 (3) authorise social workers within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) to apply and do everything necessary with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the passport of the minor without authorisation and/or signature of the mother and father;

4. That in the first place and in terms of Article 18 (3) any contact of the minor with his siblings should be made under supervision which should be regulated by the Directorate Alternative Care (Children and Youths) where the same Directorate has the faculty that after examining the benefit to the minor from such access, authorise such contact where such Directorate should also have the authorisation to

pendente lite, l-metodologija ta' kuntatt u jamministra hu s-supervizjoni jew monitoragg, fejn id-Direttorat ikollu l-faulta illi jieħu deċizjonijiet li jnaqqas, jestendi, jzid, jissospendi jew jittermina l-access jekk dan ikun ta' ħsara għal minuri;

5. Tawtorizża lil dan id-Direttora u/jew id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva tamministra kwalunkwe vaċċin u/jew tilqim rakkomandat minn tobba professjonisti mediċi;

6. Tappunta r-rikors għas-smigħ ai termini tal-Artikolu 18(5) tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tappunta Avukat tat-Tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien, tad-Direttur għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness bħala Dok X u tagħmilhom bħala parti integrali mid-deċizjoni finali tagħha;

9. F'każ li t-talbiet suesposti jigu milqugħa tordna li dawn l-atti flimkien mal-ordni ta' ħarsien jigu notifikati lil Bord ta' Revizjoni sabiex l-istess kura tal-minuri tigi riveduta regolarment dan skont id-disposizzjonijiet tal-liġi.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifikazzjoni: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda tal-Maġistrat Dott. Patrick Valentino LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

determine, even pending lite, the methodology of contact and administer himself the supervision or monitoring, where the Directorate has the faculty to take decisions to reduce, extend, increase, suspend or terminate access if this is detrimental to minor;

5. Authorise this Directorate and/or Director of the Alternative Care Directorate to administer any vaccine and/or inoculation recommended by medical professional practitioners;

6. Appoints the application for hearing in terms of Article 18 (5) of Cap 602 of the Laws of Malta;

7. Appoint a children's Advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap 602 of the Laws of Malta;

8. Welcomes the recommendations, including the issue of the care order, of the Director for the Directorate for Child Protection as delineated in the attached report as Doc X and makes them an integral part of its final decision;

9. In case the above requests are upheld order that these acts together with the care order be notified to the review Board so that the same care of the minor be regularly reviewed according to the provisions of law.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

With costs.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Deputy curators.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Magistrate Dr Patrick Valentino, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Illum, 28 ta' Mejju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 18 ta' Ġunju 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Today, 28th May, 2026.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today, 18th June, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1623

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-18 ta' Novembru, 2025, fl-atti tar-rikors numru 84/2024AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Revoka Z.G.. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Shanelle Farrugia u Steve Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Revizjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 84/2025AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fis-17 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal qed jirrakkomanda revoka tal-Ordni tal-Ħarsien skont l-Artikolu 33(5) sabiex il-Qorti tkun tista' tirrevoka din l-Ordni skont l-artikolu 22(2) , wara li dan il-minuri gie irriunifikat mill-ġdid mal-missier bijoloġiku.

Fid-dawl illi l-minuri ġie rrijunifikat mal-missier skont id-digriet tal-Qorti tal-Familja, il-Bord qiegħed għalhekk jippreżenta l-pjan ta' revoka tal-Ordni ta' Ħarsien anness u mmarkat bħala Dok B sabiex ikun ikun ikkunsidrat minn din l-Onorabbli Qorti. Il-Bord kif ukoll id-Direttorat Kura Alternattiva iħossu illi din l-Ordni ta' Ħarsien għandha tkun irrevokata. Il-Bord qed jippreżenta kopja tad-dokumenti tal-Qorti tal-Ħarsien li kienu ħarġu favur il-minuri annessi u mmarkati Dok C.

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Lulju, 2024 il-Qorti wara li rat id-dokument esebiti.

Rat l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 33(5) tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta fost oħrajn;

Illi l-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-minuri fil-mori mar jirrisjedi ma' missieru, mid-dokumenti esebiti u dak li hemm irrapurtat, mhuwiex għaqli li tisma' lill-minuri ai termini tal-Artikolu 17(1) tal-Kap 602 u lanqas hemm bzonn li tisma' fehmiet oħra.

Peress illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' revoka tal-ordni ta' ħarsien kif propost hu fl-aħjar interess tal-minuri, tordna r-revoka tal-Ordni ta' Ħarsien fil-konfront tal-istess minuri.

Tordna notifika ta' dan id-digriet lil Shanelle Farrugia u Steve Galea fost oħrajn.

By means of a decree of the 18th November, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 84/2024AC in the acts of the application Revocation Plan Z.G., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Shanelle Farrugia and Steve Galea in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 17th July 2024 in the acts of the Application Number 84/2025AC, the applicant the Minors Care Review Board is recommending the revocation of the Care order in terms of Article 33 (5) so that the Court may revoke this order in terms of Article 22 (2), after the minor was reunited once again with his biological father.

In the light that the minor was reunited with the father according to a decree of the Family Court, the Board is thus presenting the plan of revocation of the attached care order and marked as Doc B in order that it be considered by this Honourable Court. The Board as well as the Alternative Care Directorate feel that this care order should be revoked. The Board is filing a copy of the document of the Care Orders that were issued in favour of the minor here attached and marked as Doc C.

By means of a decree given on the 18th July, 2024 the Court after having seen the exhibited document.

Having seen Article 22 (2) and Article 33 (5) of Chapter 602 of the Laws of Malta amongst others;

The Court considers in the circumstances of the case where the minor during the proceedings went to reside with his father from the documents exhibited and that reported, it is not wise to hear the minor in terms of Article 17(1) of Cap 602 nor is it necessary to hear other views.

Since this Court is of the opinion that the plan of revocation of the care order as proposed is in the best interest of the minor, it orders the revocation of the care order of the same minor.

Orders the notification of this decree to Shanelle Farrugia and Steve Galea amongst others.

Esponenti – Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri – 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera.

Notifika - Shanelle Farrugia – 39 Okella Agius, Triq Ħal Qormi, il-Ħamrun.

Steve Galea – Swatar Court, Flat 1, Triq MBO Giuseppe Camilleri, is-Swatar, Birkirkara.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, t-18 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant - The Minors Care Review Board – 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera.

Notification - Shanelle Farrugia – 39 Okella Agius, Triq Ħal Qormi, Ħamrun.

Steve Galea – Swatar Court, Flat 1, Triq MBO Giuseppe Camilleri, Swatar, Birkirkara.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 18th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1624

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fil-15 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tar-rikors numru 94/2025AC, fl-atti tal-kawza Pjan ta' Revoka R.A.C. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Leonard Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Revizjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawza numru 94/2025AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-13 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal qed jirrakkomanda revoka tal-Ordni tal-Harsien skont l-Artikolu 33(5) sabiex il-Qorti tkun tista' tirrevoka din l-Ordni skont l-artikolu 22(2), fid-dawl tal-informazzjoni provduta minn Yasmin Montebello li l-minuri ġiet adottata mill-foster carers tagħha u li issa huma rikonoxxuti bħala l-genituri adottivi.

Fid-dawl illi l-minuri giet adottata, il-Bord qieghed għalhekk jippreżenta l-pjan ta' revoka ta' l-Ordni ta' Ħarsien anness u mmarkat bħala Dok C sabiex ikun ikun ikkunsidrat minn din l-Onorabbli Qorti. Il-Bord kif ukoll id-Direttorat Kura Alternattiva iħossu illi din l-Ordni ta' Ħarsien għandha tkun irrevokata u dan ġaladarba l-minuri hi adottat. Il-Bord jiddikjara u jirrakkomanda illi r-revoka hija riżultat tal-adozzjoni.

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ottubru, 2025 il-Qorti wara li rat id-dokument esebiti.

Rat l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 33(5) tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta fost oħrajn;

Ai termini tal-Artikolu 17(1) tal-Kap 602 il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mid-dokumenti esebiti u l-kontenut tagħhom mhuwiex għaqli li tisma' lill-minuri u lanqas hemm bżonn li tisma' fehmiet oħra.

Peress illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' revoka tal-ordni ta' ħarsien kif propost hu fl-aħjar interess tal-

By means of a decree of the 15th December, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 94/2025AC in the acts of the application Revocation Plan N.J.D., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Leonard Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 13th October, 2025 in the acts of the Application Number 94/2025AC, the applicant the Minors Care Review Board is recommending the revocation of the Care order in terms of Article 33 (5) so that the Court may revoke this order in terms of Article 22 (2), in the light of the information provided by Yasmin Montebello that the minor was adopted by her foster carers and that are now recognised as adoptive parents.

In the light that the minor was adopted, the Board is thus presenting the plan of revocation of the attached care order and marked as Doc C in order that it be considered by this Honourable Court. The Board as well as the Alternative Care Directorate feel that this care order should be revoked and this since the minor is adopted. The Board declares and recommends that the revocation is the result of the adoption.

By means of a decree given on the 27th October 2025 the Court after having seen the exhibited document.

Having seen Article 22 (2) and Article 33 (5) of Chapter 602 of the Laws of Malta amongst others;

In terms of Article 17 (1) of Cap 602 the Court considers that in the circumstances of the case and from the documents exhibited and their contents it is not wise to hear the minor and there is no need to hear other views.

Since this Court is of the opinion that the plan of revocation of the care order as proposed is in the best interest

minuri, tordna r-revoka tal-Ordni ta' Ħarsien fil-konfront tal-istess minuri.

Tordna notifika ta' dan id-digriet lil Leonard Attard fost oħrajn.

Esponenti – Bord tar-Revizjoni għall-Ħarsien tal-Minuri – 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera.

Notifika - Leonard Attard – Blk A, Flat 15, Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, it-18 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of the minor, it orders the revocation of the care order of the same minor.

Orders the notification of this decree to Leonard Attard amongst others.

Applicant - The Minors Care Review Board – 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera.

Notification - Leonard Attard – Blk A, Flat 15, Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 18th June, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1625

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 84/2020 fl-ismijiet Jeanne Borg, f'isimha propju u bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri A vs Joseph Grioli, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jeanne Borg pro et noe a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 84/2020 ippreżentat fid-19 ta' Diċembru, 2025, fl-ismijiet premessi, l-appellant esponenti ħass ruħu aggravat minn partijiet mis-sentenza datata 25 ta' Novembru, 2025 fejn l-onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet din il-kawża billi laqgħet limitatament l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, laqgħet limitatament it-tieni eċċezzjoni u dana billi laqgħetha għat-terminu ta' żmien wara li A laħaq l-eta maġġ 'l quddiem, iżda ċaħditha għax-xhur ta' qabel filwaqt illi ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut; u ddikjarat li l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut qed jiġu miċħudin jew milqugħin u għalhekk qed iressaq dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' żewġ aggravji; (1) Illi l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut kienu jimmeritaw akkoljiment fl-intier tagħhom; (2) Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut; (3) Illi l-Ewwel Qorti għaddiet biex laqgħet it-tieni talba attriċi limitatament għax-xhur bejn Settembru, 2019 u Ottubru, 2020 u minflok kellha tiċħadha fl-intier tagħha; (4) Illi l-Ewwel Qorti għaddiet biex laqgħet it-tieni parti tar-raba' talba u l-ħames talba attriċi.

Għaldaqstant il-konvenut umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-umli appell billi (1) tikkonferma s-sentenza datata 25 ta' Novembru, 2025 sa fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi; (2) Tilqa' kompletament l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut; (3) Tiċħad kompletament it-tieni, ir-raba', is-seba' u t-tmien

By means of a decree delivered by the Court of Appeal on the 27th April, 2026 in the records of Application number 84/2020 in the names Jeanne Borg, in her own name and as curator ad litem of her minor son A vs Joseph Grioli, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Jeanne Borg pro et noe in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal Application number 84/2020 filed on the 19th of December, 2025, in the premised names, the appellant felt aggrieved by the parts of the judgment dated 25th November, 2025 whereby the Honourable Civil Court (Family Section) decided this cause by limitedly upholding the first plea of the defendant, limitedly upholding the second plea and this by upholding it for a period of time after A reached the age of majority onwards, but dismissed it for the previous months whilst dismissing the third plea by the defendant; and declared that the further pleas of the defendant are being dismissed or upheld and therefore he is filing this humble appeal before this Honourable Court on the following grounds: (1) the first and second preliminary pleas by the defendant deserved to be upheld in their entirety; (2) the Court of First Instance dismissed the third plea by the defendant; (3) the Court of First Instance upheld the plaintiff's second demand limitedly for the months between September 2019 and October 2020 and instead it should have dismissed it in its entirety; (4) the Court of First Instance upheld the second part of the fourth demand and the plaintiff's fifth demand.

Therefore the defendant humbly requests this Honourable Court to uphold this appeal by (1) confirming the judgment dated 25th November, 2025 in so far as it abstained from taking cognizance of the plaintiff's first demand; (2) upholding in full the preliminary pleas of the defendant; (3) dismissing in their entirety the second, fourth, seventh and

talba; (4) Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-attriċi fl-intier tagħhom.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi issa appellata.

Notifika:

Jeanne Borg – 55, Fl.3 Triq il-Gejza, is-Swieqi u/jew 71B, Regent House, Triq Bisazza, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum, 4 ta' Ġunju, 2026.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

eighth claims; (4) upholding the remaining defendant's pleas whilst rejecting the plaintiff's demands in their entirety.

With costs of both instances against the plaintiff now respondent.

Notification:

Jeanne Borg – 55, Fl.3 Triq il-Gejza, Swieqi and/or 71B, Regent House, Triq Bisazza, Tas-Sliema.

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day, 4th June, 2026.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1626

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fit-1 ta' April, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 931/2020 MS fl-ismijiet Maria Assunta Frendo et vs Ronald Borg et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Ronald Borg, Rita Borg u Dylan Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 931/2020MS ippreżentata fl-14 ta' April, 2025, fl-ismijiet premessi, l-esponenti ħassew ruħhom aggravati b'din is-sentenza datata s-6 ta' Marzu, 2021, mill-Qorti tal-Appell, fejn iddeċidiet illi l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u illi l-atturi iridu jippruvaw id-danni allegatament subit minnhom. U għalhekk l-esponenti qegħdin jinterponu dan l-appell abbażi tas-segwenti:

(1) Illi hemm nuqqas tad-danni msemmija li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħadithomx inkonsiderazzjoni

